MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 307/2004

**SMS Insurance Agency Ltd (C-5645) ghan-nom tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office plc surrogata fid-drittijiet ta' Anne Marie Thake u l-istess Anne Marie Thake**
**vs**
**Lawrence Scicluna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Frar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm725.83) rapprezentanti danni subiti mill-atturi wara l-incident stradali li sehh fit-23 ta' Settembru, 2002 fi Triq ix-Xatt, Gzira, bejn il-vettura HAP-228 misjuqa mill-attrici u l-vettura GAH-428 misjuqa mill-konvenut, ghall liema incident jahti unikament il-konvenut. Mill-ammont mitlub, hamsa u ghaxrin lira Maltija (Lm25.00) thallsu mill-attrici Anne Marie Thake bhala excess.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-3 ta' Novembru, 2003 (Dok.A) ; l-ittra ufficjali (Dok.B) prezentata kontestwalment ghall-finijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru, 2003 (Dok.C), u bl-imghax dekoribbli sal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-16 ta' Gunju, 2004, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel lok trid issir prova li l-incident sehh bejn dawn il-partijiet fil-kawza odjerna u dan kif jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.**
**Illi fil-mertu, l-konvenut qed jikkontesta r-responsabilita` talk-incident in kwistjoni u l-ammont ta' danni reklamati.**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Anne Marie Thake, Mark Axiaq, Spettur Daniel Zammit, Alfred Fabri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Settembru, 2002 fi Triq ix-Xatt, Gzira, bejn il-vettura numru HAP-228 misjuqa mill-attrici u l-vettura numru GAH-428 misjuqa mill-konvenut. L-incident sehh fit-8.30pm..**
**2. Skond ir-road accident report, Dok.MA, l-attrici qalet li kienet parkeggata meta dahal fiha l-konvenut. Il-konvenut qal li waqt li sejjer lejn mil-Gzira fid-direzzjoni ta' Tas-Sliema; meta wasal hdejn il-« Waterfront Hotel », il-karrozza TOM-511 misjuqa minn warajh, qabzitu u kisret lejn ix-xelklug ghall go Triq Parisio, thawwad, tilef il-kontroll u habat fil-vettura tal-attrici.**
**3. Ir-ritratti Dok.MA6, juru l-impatt fuq wara fil-vettura tal-attrici.**
**4. L-attrici, fid-deposizzjoni taghha, irribadiet il-versjoni li taghat lill-pulizija. Hi tghid hekk : « ..kellimt wahda mara…..u din taghtni n-numru tal-karrozza li kienet dahlet fija. Din taghtili fuq bicca karta li qed nesebixxi bhala Dok.AT1 u fih hemm in-numru GAH-**

**428.» Rilevanti ukoll li l-attrici tghid li skond il-pulizija intqal lilha li min kien involut fl-incident kien fi glieda u kienu qed jigru bil-karrozzi wara xulxin.**

**5. Alfred Fabri, li fiz-zmien tal-incident kien is-Surgent tal-Pulizija li ghamel ir-rapport dwar l-incident, jikkonferma li nizzel fir-rapport dak li qalulu l-partijiet.**

**6. Il-konvenut jaghti versjoni differenti fid-deposizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal, u jghid li kien hemm karrozza qed issegwih, u s-sewwieq kien irrabjat minhabba xi haga. Mir-Regional Road (hdejn Zammit Clapp) sal-Gzira sar insegwiment. Meta waslu l-Gzira jghid li dan dahal fih u bid-daqqa tefghu gol-vettura parkeggata tal-attrici.**

**7. Ghalhekk mill-provi jirrizulta ampjament li l-konvenut habat gol-attrici. Apparti l-allegazzjoni tal-konvenut dwar l-insegwiment, ma hemm ebda prova sostanzjali fir-rigward. It-Tribunal isbu fatt stramb li l-konvenut, jekk tassew kien insegwit minn vettura ohra, ma hax in-numru ta’ dik il-vettura, nazi mhux cert tan-numru taghha.**

**8. Fic-cirkostanzi it-Tribunal qed jaghti t-tort ghall-incident lill-konvenut, salv u impregudikat kull dritt kontra terzi jekk ikun il-kaz.**

**9. Id-danni subiti mill-vettura tal-attrici jirrizultaw mid-dokumentazzjoni prezentata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ seba’ mitt lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm700.83), u lill-attrici Anne Marie Thake is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25), ilkoll bl-imghax legali mill-5 ta’ Frar, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-3 ta’ Novembru, 2003; l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ghall-finijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Novembru, 2003, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------